# QUDDIESA TA' BI NHAR

**l-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija.**
**Is 52, 7-10**

Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji
Ir-riġlejn ta' min iħabbar,
ta' min ixandar is-sliem,
ta' min iħabbar ir-riżq,
ta' min ixandar is-salvazzjoni,
li jgħid lil Sijon:
"Alla tiegħek isaltan!''
Ismagħha l-għajta!
Il-għassiesa tiegħek għollew leħinhom,
ilkoll flimkien igħajtu bil-ferh
għax raw b'għajnejhom lill-Mulej
rieġa' lura f'Sijon.

Intom, ħerbiet ta' Ġerusalem,
għajtu lkoll bil-ferħ,
għax farraġ il-Mulej 'il-poplu tiegħu,
feda lil Ġerusalem.
Kixef il-Mulej id-driegħ qaddis tiegħu
quddiem il-ġnus kollha,
u raw it-truf kollha ta' l-art
is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 97**
**Raw it-truf kolha ta' l-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.**

Għannu lill-Mulej għanja ġdida,
Għax għamel l-egħġubijiet;
ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu,
u d-driegħ imqaddes tiegħu.

**R/. Raw it-truf kollha ta' art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.**

Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu,
F'għajnejn il-ġnus wera l-gustizzja tiegħu
ftakar fi tjubitu u fil-fedelta tiegħu
Għal dar Israel.

**R/. Raw it-truf kollha ta' l-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.**

Raw it-truf kollha ta’ l-art
is-salvazzjoni ta’ Alla tagħna.
Għajtu bil-ferħ lil Mulej fl-art kollha,
nfexxu fil-hena, ifirħu u għannu!.

**R/. Raw it-truf kollha ta’ l-art is-salvazzjoni ta’ Alla tagħna.**

Għannu lill-Mulej biċ-ċetra,
biċ-ċetra u b’leħen il-għana;
bit-trombi u b’leħen it-trombetti,
għajtu bil-ferħ quddiem is-Sultan, il-Mulej.

**R/. Raw it-truf kollha ta’ l-art is-salvazzjoni ta’ Alla tagħna.**

**IT-TIENI QARI**
**Bidu ta’ l-Ittra lil Lhud**
**Lhud 1, 1-6**

Alla fl-imgħoddi kellem lil missirjietna ħafna drabi u b’ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa, f’dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta’ Ibnu, li hu għamlu werriet ta’ kollox, u li bih ukoll għamel il-ħolqien.
Hu, l-Iben, li hu d-dija tas-sebħ ta’ Alla u x-xbieha ta’ l-essenza tiegħu, u li jżomm id-dinja kollha bil-kelma setgħana tiegħu, wara li naddafna minn dnubietna qagħad fuq il-lemin tal-kobor ta’ Alla fil-għoli tas-smewwiet, u b’hekk sar daqshekk aqwa mill-anġli daqskemm ogħla minn tagħhom hu l-isem li kiseb. Għax lil min mill-anġli qatt qal Alla: “Inti ibni: jiena llum nissiltek’’? Jew “Jiena nkun missieru, u hu jkun ibni’’? Imbagħad, hu u jdaħħal lil Ibnu l-Kbir fid-dinja, igħid ukoll: “Ħa jqimuh l-anġli kollha ta’ Alla.’’

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Jum imqaddes feġġ għalina; ejjew, ġnus, qimu l-Mulej, għax illum fuq l-art niżel dawl kbir.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**(Is-siltiet bejn il-parentesi jistgħġu ma jinqrawx.)**
**Bidu ta’ l-Evanġelju ta’ San Ġwann.**
**Ġw 1, 1-18**

Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien għand Alla, u l-Verb kien Alla. Kien dan fil-bidu għand Alla. Kollox sar bih u mingħajru ma sar xejn, hu kien il-ħajja ta’ dak kollu li sar, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin; id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux.
(Kien hemm raġel mibgħut minn Alla, jismu Ġwanni. Dan ġie bħala xhud, biex jixhed għad-dawl, biex bih kulħadd jemmen. Ma kienx hu d-dawl, imma biex jixhed għad dawl.)

Kien id-dawl tassew, li jdawwal kull bniedem li jiġi fid-dinja. Kien fid-dinja u d-dinja saret bih, imma d-dinja ma għarfitux. Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx. Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla. U l-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna, u aħna rajna s-sebħ tiegħu, is-sebħ li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verita'.
(Ġwanni ta' xhieda fuqu. Hu għajjat u qal: "Dan hu li jien għidt fuqu: 'Hu jiġi warajja, imma hu aqwa minni għax hu qabli.''' Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna grazzja fuq grazzja. Għax il-Liġi ngħatat permezz ta' Mose', imma l-grazzja u l-verita' saru b'Ġesu' Kristu. Lil Alla ħadd għadu ma rah; imma l-Iben waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier, hu għarrafhulna.)

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**